# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 20 TA' SETTEMBRU, 2002**

**Avviz Numru 1404/01 AJD**
**Christopher Mifsud ghan-nom u in rappresentanza ta' Lubert Waterproofing u b'digriet tat-18 ta' Jannar 2002 giet ordnata korrezzjoni fl-Avviz tat-Talba fis-sens li gew kancellati l-kliem "ghan-nom u in rapprezentanza ta' Lubert Waterproofing" minn wara isem l-attur**

**vs**

**Tal-Maghtab Construction Co. Limited**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Novembru 2001 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata li thallas lill-attur is-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250.00), jew somma verjuri likwidata minn dan it-Tribunal, rapprezentanti xoghlijiet ezegwiti gewwa fond f'Albert Town, Marsa konsistenti f'xoghol ta' membrane esegwit fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittri legali datati 28 ta' Awissu 2001 u 3 ta' Settembru 2001, u bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra r-risposta prezentata mis-socjeta' konvenuta fejn hija eccepiet is-segwenti:

1. Preliminarjament l-Avviz prezentat mill-attur nomine huwa null u dana in vista tal-fatt illi l-avviz kellu jigi prezentat fil-kapacita' ta' Christopher Mifsud personalment u mhux bhala rapprezentant stante li Lubert Waterproofing mhux entita' guridika indipendenti.
2. Minghajr pregudizzju, t-talbiet tal-attur nomine huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Ra d-digriet tat-18 ta' Jannar 2002 fejn it-Tribunal ordna korrezzjoni fl-Avviz tat-Talba billi ordna l-kancellament tal-kliem "ghan-nom u in rappresentanza ta' Lubert Waterproofing" minn wra l-isem tal-attur.

Sema' x-xhieda tal-attur, ta' Philip Camilleri, Winston Muscat u ta' denis Baldacchino. Ha konjizzjoni ta-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ikkunsidra:

Illi l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta giet oramai sorvolata mid-digriet tat-18 ta' Janna 2002 u t-Tribunal m'huwiex ser jiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi hemm qbil bejn il-partijiet li madwar erba' snin ilu s-socjeta' konvenuta kellha kuntratt ta' appalt mal-Gvern sabiex tibni 'carpentry workshop' f'Albert Town, il-Marsa u li hija b'kuntratt ta' sub-appalt qabdet lill-attur jaghmel xoghol ta' tpoggija ta' 'membrane' u 'waterproofing' fuq il-bjut ta' dan il-bini. Jidher li f'Awissu tas-sena 2001 is-socjeta' konvenuta giet interpellata mill-Gvern sabiex tiirimedja x-xoghol difettuz li kien sar fil-'membrane' fis-sens li l-istess 'membrane' kienet kwazi nqalghet kollha f'certu postijiet. Is-socjeta' konvenuta nfurmat lill-attur dwar dan permezz ta' ittra datata 27 ta' Awissu 2001 (a fol. 18) u fl-istess ittra infurmatu li kienet qed izzommu responsabbli **"ghad-danni kollha sofferti u li tista' ssofri minhabba x-xoghol difettuz minnek installat"** u nterpellatu **"sabiex minnufuh**

**taghmel dak kollu necessarju sabiex isiru r-riparazzjonijiet kollha necessarji fil-'membrane' nstallat minnek fil-'carpentry workshop' tal-Gvern il-Marsa**". Permezz **ta**' ittra tat-28 ta' Awissu 2001 (a fol. 19), l-attur irrisponda li huwa kien ghamel ix-xoghol skond is-sengha u l-arti. F'ittra datata 29 ta' Awissu 2001 ( a fol. 20) mibghuta lil konsulent legali tal-attur, is-socjeta' konvenuta regghet irribadiet li l-attur kellu jaghmel dawk **"ir-riparazzjonijiet kollha necessarji sabiex din il-kwistjoni tigi risolta minnufih".** Fit-2 ta' Settembru 2001 l-attur effettivament esegwixxa xoghlijiet fil-'membrane' in kwistjoni u permezz ta' ittra datata 3 ta' Settembru 2001 ( a fol. 21) huwa nforma lis-socjeta' konvenuta li **"huwa kien ghamel ir-riparazzjonijiet li gew indikati minnek liema hsarat ma kienux il-kawza tax-xoghol tieghu"** u mal-istess ittra annetta l-kont ghal dan ix-xoghol ammonti ghal Lm250.00. Dan l-ammont jifforma l-mertu tal-kawza odjerna.

Illi l-attur isostni li l-hsara li kien hemm fil-'membrane' ma kientx kagun ta' xoghol difettuz da parti tieghu u Philip Camilleri, xhud prodott mill-attur, fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2002 spjega li huwa kien prezenti fuq il-post , fit-2 ta' Settembru 2001, meta l-attur esegwixxa x-xoghlijiet u seta' jikkonstata li fil-bejt tal-fond in kwistjoni kien hemm xi fili miftuhin u peress li l-'membrane' huwa maghmul mill-'polyester', jekk tidhol l-arja fil-fili, il-'membane' joghla. Dan ix-xhud spjega wkoll li Winston Muscat, ir-rapprezentant tad-Dipartiment tal-Gvern in kwistjoni, kien qalilhom li li l-fili ma kienux daruhom. Dejjem skond dan ix-xhud, din kienet ir-raguni li hargu l-aperturi fil-fili,liema xoghol ta' manutenzjoni kellu jsir mis-sid tal-fond. Winston Muscat qal hekk **"Jiena m'inhiex f'posizzjoni li naghti spjegazzjoni dwar x'kienet ir-raguni li l-'membrane' inqala', zgur li ma nqalax b'x htija tad-Dipartiment. Dan il-'membrane' ma kienx iwweldjajt kollu fis-sens li ma sarx bis-sistema li ahna nsejhula "permanent welding', imma kien iwweldjajt ix-xifer tieghu li ahna nsejhulu bil-gungjatura".**

Illi mill-ittra tas-27 ta' Awissu 2001 jirrizulta li s-socjeta' konvenuta nterpellat lill-attur jirrimedja x-xoghol difettuz maghmul minnu. Una volta li l-attur deherlu li l-hsara li kien hemm fil-'membrane' ma kienetx rizultat ta' xoghol difettuz da parti tieghu izda kienet kagun ta' fatturi ohra ndipendenti minnu, huwa kellu

jikkomunika dan lil sid il-fond u lis-socjeta' konvenuta qabel ma jesegwixxi x-xoghlijiet necessarji jekk kien qed jipretendi hlas ghax-xoghol ta' riparazzjoni li kien ser jaghmel. Is-socjeta' konvenuta kull ma nterpellatu jaghmel kien li jirrimedja  x-xoghol difettuz minnu maghmul u certament ma jistghax jinghad li hija b'xi mod inkarigatu jaghmel xoghol iehor. Huwa ghalhekk ma jistghax jipretendi hlas ghax-xoghol li esegwixxa minghand is-socjeta' kovenuta. Dan qed jinghad b'riserrva ghal kwalsiasi azzjoni spettanti lill-attur kontra terzi li m'humiex parti fil-kawza odjerna in kwantu jirrigwarda l-hlas ghax-xoghol minnu maghmul.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fil-mertu u konsegwentement jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess attur.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**